A.L. 168 ta' l-2005

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Laws – LL.B. – u għad-Diploma of Legal Procurator – Dip. L.P. – taħt il-patroċinju tal-Fakulta' tal-Liġi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakulta' tal-Liġi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 37(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 37(2) ta' dak l-Att:

Titolu u Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jisssejħu bħala l-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għall-grad ta' Bachelor of Laws – LL.B. – u għad-Diploma of Legal Procurator – Dip. L.P. – taħt il-patroċinju tal-Fakulta' tal-Liġi.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba l-kuntest ma jitlobx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakulta' tal-Liġi;

"id-Diploma" tfisser id-Diploma of Legal Procurator – Dip. L.P.;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Bachelor of Laws – LL.B.;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studji li jwassal għall-grad ta' Bachelor of Laws – LL.B. – u għad-Diploma of Legal Procurator – Dip. L.P. – kif xieraq; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004.

L-Applikabilita'

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2003 jew wara.

L-Oqsma ta' Studju

3. (1) Il-Grad jista' jingħata fil-Liġi bħala qasam ta' studju Ewlieni bl-Unuri flimkien ma' qasam ta' studju ieħor.

(2) Il-Bord għandu jagħmel arranġamenti ma' fakultajiet u istituti oħra u jħabbar il-lista ta' oqsma ta' studju li jistgħu jittieħdu mal-Liġi fil-Grad qabel il-bidu tal-Kors.

(3) Il-kors li jwassal għad-Diploma jkopri l-aktar taqsimiet studju dwar il-liġi tal-proċedura.

Ir-Rekwiżiti Speċjali għad-Dħul fil-Kors

4. Barra li jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul ta' l-Universita', l-applikanti għandhom:

(a) (i) *għall-korsijiet li jibdew fl-2003,* ikunu għaddew bi Grad C jew aħjar fil-Livell tal-Matrikola Avvanzata jew ekwivalenti fl-Ingliż; **jew**

(ii) *għall-korsijiet li jibdew fl-2004 jew wara,* ikunu għaddew f'żewġ suġġetti bi Grad C jew aħjar fil-Livell tal-Matrikola Avvanzata jew ekwivalenti magħżula mill-Computing, l-Information Technology u mis-suġġetti kollha fi Gruppi 1, 2, u 3 ta' l-Eżami għaċ-Ċertifikat tal-Matrikola;

u

(b) jissodisfaw ir-rekwiżiti speċjali tal-kors rilevanti għat-tieni qasam ta' studju magħżul kif indikat fl-ordinamenti għall-grad fis-suġġett offrut taħt il-patroċinju tal-fakulta' jew ta' l-istitut li għandu r-responsabbilta' għall-qasam ta' studju.

It-Tul tal-Kors

5. Il-Kors jinfirex fuq medda ta' tlett snin ta' studji fuq bażi *full-time*.

Il-Programm tal-Kors għall-Grad

6. (1) Il-programm ta' studji għall-Grad għandu jikkonsisti f':

(a) taqsimiet studju li għalihom hemm 110 kredti assenjati li jkopru l-programm ta' studji obbligatorju għal-Liġi bħala qasam ta' studju Ewlieni bl-Unuri;

(b) taqsimiet studju li għalihom hemm 35 kredtu assenjati f'qasam ta' studju approvat mill-Bord;

(ċ) taqsimiet studju li għalihom hemm 30 kredtu assenjati u li jistgħu jittieħdu jew mil-Liġi bħala qasam ta' studju ewlieni jew mit-tieni qasam ta' studju magħżul jew mit-tnejn; u

(d) taqsimiet studju fakultattivi li għalihom hemm 6 kredti assenjati.

(2) Il-Bord għandu jippubblika l-programm ta' studji għal-Liġi, imfassal skond il-provvedimenti rilevanti tar-Regolamenti Prinċipali, u approvat mis-Senat. Suġġett għal tibdiliet li l-Bord, bl-approvazzjoni tas-Senat, jista' jkun kostrett jagħmel, l-istudenti għandhom isegwu t-taqsimiet studju u jiksbu l-kredti kif indikat fil-programm ta' studji li qed isegwu għall-Grad.

(3) Il-programmi ta' studji għall-oqsma ta' studju li jistgħu jittieħdu flimkien mal-Liġi fil-Kors għandhom ikunu dawk ippubblikati mill-bordijiet ta' l-entitajiet akkademiċi responsabbli għal kull dixxiplina.

Il-Programm tal-Kors għad-Diploma

7. (1) Il-kors li jwassal għad-Diploma jista' ikun segwit jew flimkien mal-kors li jwassal għall-Grad jew wara li jintemm b'suċċess il-kors li jwassal għall-Grad.

(2) Il-programm ta' studji għad-Diploma jikkonsisti f'taqsimiet studju li għalihom hemm 60 kredtu assenjati li jkopru wkoll taqsimiet studju li jittrattaw il-

liġi tal-proċedura u li, meta jittieħed flimkien mal-programm ta' studji li jwassal għall-Grad, ikun segwit minflok, jew flimkien ma', taqsimiet studju oħra fil-Liġi, kif indikat mill-Bord.

(3) L-istudenti li jagħżlu li jsegwu l-kors li jwassal għad-Diploma flimkien mal-kors li jwassal għall-Grad għandhom jindikaw l-għażla tagħhom fit-tmiem ta' l-ewwel sena tal-Kors u qabel ma jirreġistraw għat-tieni sena u jikkwalifikaw għad-Diploma biss jekk jissodisfaw ukoll ir-rekwiżiti kollha għall-Grad.

(4) L-istudenti li ma jagħżlux li jsegwu l-programm ta' studji għad-Diploma flimkien mal-kors li jwassal għall-Grad jistgħu jirreġistraw għat-taqsimiet studju fil-programm għad-Diploma f'sena ta' studju żejda wara li jkunu kisbu l-Grad. F'dawn il-każijiet, irid jintemm b'suċċess il-programm għall-Grad qabel ir-reġistrazzjoni għad-Diploma.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent

8. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-klassifikazzjoni tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba f'kull sena tal-Kors, li jingħataw piż skond il-kriterji li ġejjin:

Marka Medja ta' l-Ewwel Sena	24%
Marka Medja tat-Tieni Sena	38%
Marka Medja tat-Tielet Sena	38%.